SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 03/K5/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/05/'05 192**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/05/'05 245**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-20 ta' Mejju 2005. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Tender Mini Van
4. Polza ta' Assigurazzjoni
5. Residents' Parking Scheme
6. Magażine
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 2/K5/05 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 2/K5/05.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 1866 | Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar rigward PC0050/04 – Triq il-Kbira, San Ġiljan. |
| 1966 | E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-servizzi ta' tindif lill-Millenium Chapel. |
| 2002 | E-mail mingħand il-Kunsill Lokali San Ġwann rigward kumitat konġunt ġdid fuq is-separazzjoni u ġbir ta' skart. |
| 2031 | Ittra mingħand il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern rigward proposta nazzjonali favur il-ħajja. |
| 2157 | Ittra mingħand id-Data Stream rigward talba għall-permess speċjali sabiex jkunu jistgħu jipparkjaw il-karrozzi tagħhom fejn jkun qedgħin jaħdmu. |
| 2181 | Ittra mingħand l-assoċjazzjoni tas-sidien ta' St. George's Park rigward talba għal installazzjoni ta' camera bejn l-Axis u Spinola Block Car Park. |
| 2182 | Ittra mingħand l-Onorevoli Robert Arrigo rigward talba mingħand is-sidien tal-ħwienet li hemm f'Main Street sabiex titneħħa l-camera. |
| 2292 | Ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward talba għall-parteċipazzjoni f'tournament internazzjonali tal-waterpolo. |
| 2280 | E-mail mingħand l-Għaqda Sajjieda u Dilletanti Ġiljaniżi rigward laqgħa nformali mal-Kunsill. |
| 2293 | Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward permessi tal-bajja ta' San Ġorġ. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru 1866

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar rigward PC0050/04 – Triq il-Kbira, San Ġiljan, ġie deċiż unanimament li l-Awtorita' tiġi nfurmata li l-Kunsill kien f'pożizzjoni li seta kellu xi nformazzjoni iżda sa llum din għadha ma ngħatatx. Għaldaqstant il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jitkompla l-iżvilupp.

2.03 Il-Kunsilliera Norman Vella u Robert Camenzuli waslu fil-5.05 p.m.

2.04 Rif. Nru 1966

B'riferenza għall-e-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-servizzi ta' tindif lill-Millenium Chapel, ġie deċiż unanimament li l-Kunsilliera Richard Scicluna u Robert Camenzuli javviċinaw lill Fr. Hiliary Tagliaferro sabiex:-

- ✓ tinġabar l-informazzjoni neċessarja li turi li l-Kunsill juża l-Millenium Chapel bħala Day Centre biex b'hekk jiġi ġġustifikat is-servizz tat-tindif li qed jingħata.
- ✓ Jiġi provdut il-post fil-Millenium Chapel sabiex ikunu jistgħu jingħataw is-servizzi eletroniċi lokali.

2.05 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fir-rigward il-ftehim dwar 'Is-Servizzi Eletroniċi' (Inc. 1687/05) r-risposta trid tintbagħat sat-30 ta' Mejju 2005.

2.06 Rif. Nru 2002

B'riferenza għall-e-mail mingħand il-Kunsill Lokali San Ġwann rigward kumitat konġunt ġdid fuq is-separazzjoni u ġbir ta' skart ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipparteċipa.

2.07 Rif. Nru. 2031

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern rigward proposta nazzjonali favur il-ħajja, l-Kunsill qabel unanimament mal-proposta.

2.08 Rif. Nru. 2157

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Data Stream rigward talba għall-permess speċjali sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw il-karrozzi tagħhom fejn jkun qedgħin jaħdmu, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni diment li jipprovdu lista tal-vetturi li jintużaw.

2.09 Rif. Nru. 2181

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-assoċjazzjoni tas-sidien ta' St. George's Park rigward talba għal installazzjoni ta' 'security camera' bejn l-Axis u Spinola Block Car Park. Wara diskussjoni ġie deċiż

unanimament li s-Sindku Peter Bonello jivverifika l-affarijiet mal-Kumitat Konġunt u jinforma lill-Kunsill.

2.10 Rif. Nru 2182

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Onorevoli Robert Arrigo rigward talba mingħand is-sidien tal-ħwienet li hemm f'Main Street sabiex titneħħa l-camera.

2.11 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn erba' Kunsilliera vvutaw kontra li titneħħa filwaqt li l-Kunsilliera Norman Vella u Richard Scicluna vvutaw favur.

2.12 Rif. Nru 2292

B'riferenza għall-ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club, rigward talba għall-parteċipazzjoni f'tournament internazzjonali tal-waterpolo, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipparteċipa u jiġi allokat Lm500 għal din l-attivita'.
Għandha tinġibed l-attenzjoni biex l-outlets li hemm fil-club jiġu nfurmati sabiex filgħaxija ma jibqgħux joħorġu l-iskart u lanqas ipoġġuh in-naħa l-oħra tat-triq.

2.13 Il-Kunsillier David Borg wasal fil-5.35 p.m.

2.14 Rif. Nru 2280

B'riferenza għall-email mingħand l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti Ġiljaniżi rigward laqgħa nformali mal-Kunsill, ġie deċiż li din il-laqgħa ssir magħhom nofs siegħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

2.15 Rif. Nru 2293

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward permessi tal-bajja ta' San Ġorġ.

2.16 Hawnhekk iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li għal-laqgħa li saret ma' l-Onorevoli Ministru Francis Zammit Dimech kienu preżenti hu flimkien ma l-Kunsilliera Karl Gouder, Richard Scicluna u Robert Camenzuli filwaqt li l-Kunsilliera Irene Borg Norman Vella u David Borg kienu skużati. F'din il-laqgħa l-Ministru aċċertahom li l-bajja ser tibqa pubblika u ser tkun miftuħa għal kullħadd.

2.17 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament mal-proposti ta' l-ittra diment li l-area tal-konċessjoni tal-bajja ma tiżditx.

3. **Tender Min Van**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'Schedule li tinkludi l-informazzjoni dwar min ittenderja (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet li tintgħażel l-offerta ta' A.L.M. Enterprises Ltd.

3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna issekondaha.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05 Ġie deċiż unanimament li mill-1 ta' Ġunju sa 22 ta' Ġunju l-ħinijiet tal-Mini Van ta' filgħaxija jitressaq b'siegħa l-quddiem iġifieri mis-19.30 p.m. sat-20.30 p.m. minflok mis-18.30 p.m. sas-19.30 p.m..

4. **Polza ta' Assigurazzjoni**

4.01 Il-Kunsill reġa ġie ppreżentat b'kopji ta' ittri rigward il-polza ta' assigurazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Iċ-Chairman għamel riferenza għall-Minuti 2/K5/05 taqsima 2 paragrafu 2.11 u ġibed l-attenzjoni li l-polza reġgħet iġġedded għal xahar ieħor biss minħabba l-fatt li l-aġenzija ta' l-assigurazzjoni ma aċċettax ir-rinnovazzjoni tal-polza jekk il-Kunsill ma jagħmilx dak impost fuqu fir-rigward il-'public gardens / playgrounds'.

4.03 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li l-polza tibqa tiġġedded xahar b'xahar u jerġa jintalab l-intervent tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

5. **Residents Parking Scheme**

5.01 Il-Kunsill ġie preżentat b'kopja ta' ittra li rċieva mingħand l-ADT (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li d-diskussjonijiet għadhom għaddejjin minħabba l-kontenut ta' l-ittra. Wara diskussjoni ġie deċiż li s-Sindku Peter Bonello jiltaqa' ma' l-ADT sabiex jiġu ċċarati xi punti.

5.03 Ġie ssuġġerit li jiġi ntrodott ir-'Residents' Parking Scheme' in-naħa ta' Balluta wara li din l-iskema titħaddem bla problemi ġewwa Paceville u The Gardens.

6. **Magażine**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li mhuwiex kuntent bil-pubblikazzjoni tal-Magażine għalhekk avviċina lill-ex-Kunsillier John Agius, peress li għandu esperjenza fil-ġurnaliżmu, sabiex jara jekk

jaċċettax li jibda jagħmel il-Magażine tal-Kunsill bl-istess kundizzjonijiet. Iġifieri li jieħu ħsieb jiġbor ir-reklami u mid-dħul tagħhom isir il-Magażine bla spejjeż għall-Kunsill.

6.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li s-Sindku javviċina lis-Sur Tony Cesario, is-Sur John Agius u s-Sur Vincent Vassallo biex jinġabru tlett setups għall-Magażines u biex jagħtu l-proposti tagħhom.

**7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondaha.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1812 sa 1845 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1812 sa 1845.

8.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Materji Oħra**

9.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

9.03 Is-Sindku Peter Bonello nforma lill-Kunsill li bejn it-2 u l-5 ta' Ġunju 2005 huwa Jum l-Ambjent għalhekk għal din l-okkazjoni ser jinżergħu s-siġar fil-ġnien Ekoloġiku (l-ewwel fażi), aktar dettalji jingħataw aktar tard meta nkunu nafu l-ġurnata.

9.04 Il-Kunsill qabel li għall-okkażżjoni kull Kunsillier jiżra siġra.

9.05 Il-Kunsiera Irene Borg informat lill-Kunsill li kienet avviċinat lid-Dipartiment tal-Health and Safety minħabba li kien qiegħed jsir twaqqieh ta' bini fuq il-Joem Petrol Station u kien ta' periklu għall-pubbliku.

9.06 Il-Kunsillier Richard Scicluna rringrazzja lill-Kunsilliera Irene Borg tas-suċċess li għamlet fil-ħarġa għal Għawdex fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm nhar l-Erbgħa 11 ta' Mejju 2005.

9.07 Ġie deċiż li l-Kunsillier Norman Vella jiltaqa' mas-Sur Victor Cachia sabiex jurih fejn irid jsir l-hand railings fit-taraġ li n-naħa ta' ġewwa ta' Triq il-Mensija li jagħti għal Triq iż-Żebbuġ.

9.08 Il-Kunsillier David Borg ġie skużat fit-8.00 p.m.

9.09 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-8.10 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |